



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2013/0255(APP)

26.2.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew
(COM(2013)0534 – 2013/0255(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Victor Negrescu

PA_Consent_Interim

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Ċitazzjonijiet u/jew premessi

- wara li kkunsidra l-opinjoni tat-3 ta' Marzu 2014 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew¹,

Rakkomandazzjonijiet

1. Jafferma mill-ġdid il-kontenut tal-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tat-3 ta' Marzu 2014 u għandu l-għan li jindirizza numru ta' elementi addizzjonali, inkluż fir-rigward ta' żviluppi ġodda fid-dibattitu fil-Kunsill;
2. Jenfasizza l-importanza li tkun żgurata l-indipendenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, tal-Prosekutur Kap Ewropew u tad-deputati tiegħu/tagħha, tal-prosekuturi Ewropej u l-prosekuturi delegati Ewropej, notevolment minn kwalunkwe influwenza indebita tal-awtoritajiet ta' partiti politiċi, awtoritajiet politiċi nazzjonali, amministrattivi jew ġudizzjarji, inkluż l-istituzzjonijiet Ewropej; jemmen li l-kariga ta' Prosekutur Ewropew għandha tkun kariga full-time;
3. Itenni r-rieda qawwija tiegħu għall-ħolqien tal-UPPE u għar-riforma tal-Eurojust kif maħsuba mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal regolament dwar il-Eurojust; huwa konvint madankollu, li r-riforma tal-Eurojust għandha tiġi sospiża sa ma l-Kunsill ikun adotta approċċ ġenerali fir-rigward tal-UPPE; iżomm mal-approċċ tal-pakkett, minħabba l-interazzjoni mill-qrib bejn l-UPPE u l-Eurojust;
4. Iqis li l-ambitu tal-kompetenza tal-UPPE għandha tkun definita mingħajr ambigwià sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali rigward ir-reati kriminali li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tiegħu; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kunsill jikkjarifika l-kompetenza tal-Eurojust, tal-Europol u tal-OLAF sabiex ir-rwoli rispettivi tal-korpi responsabbli għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE jkunu definiti u differenzjati b'mod ċar;
5. Jilqa' l-proposta li l-UPPE għandu jressaq rapport annwali lill-istituzzjonijiet tal-UE, sabiex tkun żgurata t-trasparenza u l-evalwazzjoni tal-linji ġenerali tal-attività tiegħu, u jenfasizza li dan ma għandux jikkostitwixxi mezz li bih kwalunkwe istituzzjoni tal-UE tinfluwenza l-attività tal-UPPE fil-ġejjieni;

¹ Testi adottati, P7_TA(2014)0234.

6. Jenfasizza l-bżonn ta' proċedura tal-għażla miftuħa, trasparenti u indipendenti għall-ħatra tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u tad-deputati tiegħu/tagħha u jissuġġerixxi kompetizzjoni miftuħa għal kandidati bi professjonalità, esperjenza u ħiliet adegwati, u li mbagħad titħejja lista mqassra ta' kandidati mill-Kummissjoni biex jiġu evalwati minn bord ta' esperti indipendenti; jissuġġerixxi li l-lista mqassra bl-għażla preliminari tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u biex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jingħataw is-setgħa li jiddeċiedu ż-żamma ta' aktar intervisti mal-kandidati msemmija fil-lista mqassra; jitlob għalhekk il-parteciġipazzjoni sħiħa tal-Parlament fil-proċedura tal-għażla tal-Prosekutur Ewropew u tad-deputati tiegħu/tagħha, u biex id-deċiżjoni finali dwar il-ħatra ssir mill-Kunsill u tiġi approvata mill-Parlament;
7. Jirrakkomanda li l-UPPE jiddedika attenzjoni speċjali għall-ħatra tal-prosekuturi Ewropej u tal-prosekuturi delegati Ewropej u għat-twettiq tal-kriterji rigward il-kwalifiki, l-esperjenza professjonali u l-indipendenza biex tiġi żgurata rappreżentanza ġeografika bbilanċjata;
8. Jissottolinja l-bżonn li l-UPPE jeżamina u jinvestiga bl-istess reqqa l-każijiet ta' reati kriminali serji kontra l-interessi finanzjarji tal-UE mill-Istati Membri parteciġipanti kollha, irrispettivament minn kwalunkwe kunsiderazzjoni ġeografika, każijiet jew sfharriġ imgħoddija, u li jadotta approċċ kwalitattiv ibbażat fuq kriterji oġġettivi;
9. Jenfasizza l-ħtieġa għaċ-ċarezza dwar kif l-UPPE se jaħdem b'mod effikaċi mal-Istati Membri kollha;
10. Jirrakkomanda li l-UPPE jwettaq sforzi speċjali biex jitratta l-kriminalità transkonfinali kontra l-interessi finanzjarji tal-UE, b'kunsiderazzjoni tal-kumplessità ta' din il-kwistjoni u tal-livell għoli ta' perikolu u ħsara li tirrappreżenta; itenni, madankollu, li l-kompetenzi tal-UPPE għandhom jiġu determinati bi preċiżjoni, bil-għan li jkunu jistgħu jiġu identifikati minn qabel l-atti kriminali koperti minnhom u biex ssir distinzjoni ċara bejn il-kompetenzi tal-UPPE u dawk tal-prosekuturi nazzjonali; jissuġġerixxi f'dan ir-rigward rieżami dettaljat tad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-kompetenza anċillari sabiex jiġu evitati reati doppji jew lakuni ġudizzjarji; jissuġġerixxi barra minn hekk li l-istrumenti investigattivi u l-miżuri ta' investigazzjoni għad-dispożizzjoni tal-UPPE jridu jkunu uniformi, identifikati bi preċiżjoni u kompatibbli mas-sistemi ġuridiċi kollha tal-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li tiġi eskluża l-għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni (forum shopping);
11. Ifakkar li l-azzjonijiet u l-investigazzjonijiet min-naħa tal-prosekuturi kollha u tal-persunal kollu tal-UPPE għandhom jitwettqu b'konformità sħiħa mal-prinċipji tal-liġi, partikolarment fir-rigward tad-drittijiet konferiti lill-persuna ssusspettata jew mixlija, bħall-preżunzjoni ta' innoċenza sa ma tintlaħaq sentenza finali u irrevokabbli mill-qorti, id-dritt għal proċess ġust, id-dritt li wieħed jibqa sieket, id-dritt għal difiża u għall-għajnuna legali, u l-prinċipju ta' *non bis in idem*; jitlob lill-Istati Membri jiżguraw l-adozzjoni ta' miżuri armonizzati fir-rigward tar-rikonossiment u l-ammissibilità tal-provi ppreżentati mill-UPPE; iqis, b'mod partikolari li l-kundizzjonijiet għall-ammissibilità tal-provi għandhom ikunu tali li jirrispettaw id-drittijiet kollha garantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif interpretat fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

skont l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; jikkunsidra li l-UPPE għandu jfittex b'mod attiv il-provi rilevanti kollha, kemm li jakkużaw u kemm li jiskużaw;

12. Jiddispijaċih li fil-proposta attwali dwar it-twaqqif tal-UPPE l-ambitu tal-kompetenza tiegħu huwa limitat għall-frodi; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni biex ladarba l-UPPE jkun stabbilit, tipproponi mandat estiż għall-Uffiċċju sabiex jiġu koperti ċerti kategoriji ta' reati transkonfinali serji, bħall-kriminalità organizzata u t-terroriżmu;
13. Jistieden lill-Kunsill jagħti dettalji dwar l-impatt fuq il-baġit tal-UE li jseħħ mill-istruttura kolleġġjali proposta; jemmen li, fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni rigward l-għażla tal-ġurisdizzjoni kompetenti, tad-deċiżjoni biex jipprosegwixxi, tad-deċiżjoni tat-twaqqigħ ta' każ, tad-deċiżjoni għar-riallokazzjoni ta' każ u tad-deċiżjoni dwar it-tranżazzjoni għandhom jittieħdu lkoll fuq livell ċentrali;
14. Jafferma li d-dritt għal rimedju ġudizzjarju għandu jkun dejjem irrispettat fir-rigward tal-attività tal-UPPE; iqis, għaldaqstant li kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Uffiċċju għandha tkun soġġetta għal sħarriġ ġudizzjarju quddiem il-qorti kompetenti; jinsisti f'dan ir-rigward, li deċiżjonijiet meħuda mill-Prosekutur Pubbliku Ewropew qabel jew indipendentement mill-proċess, bħad-deċiżjoni li titnieda investigazzjoni, l-għażla tal-ġurisdizzjoni għall-prosekuzzjoni, it-twaqqigħ ta' każ jew ta' tranżazzjoni, għandhom ikunu suġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju quddiem il-qorti tal-Unjoni; jenfasizza li l-UPPE għandu jagħmel tajjeb għad-danni skont il-liġi nazzjonali kkawżati minn prosekuzzjoni illegali jew abbużiva;
15. Iqis li, minbarra r-rapport annwali tal-UPPE dwar l-attivitajiet ġenerali tiegħu, ir-regolament għandu jipprovdi għal klawżola ta' rieżami sabiex jiġu verifikati l-oġġettivi tat-twaqqif tal-Uffiċċju u r-riżultati miksuba sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u l-lakuni li jeħtieġ li jiġu indirizzati.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	24.2.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 -: 3 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Joëlle Bergeron, Marie-Christine Boutonnet, Jean-Marie Cavada, Kostas Chrysogonos, Therese Comodini Cachia, Mady Delvaux, Andrzej Duda, Rosa Estaràs Ferragut, Laura Ferrara, Mary Honeyball, Sajjad Karim, Gilles Lebreton, António Marinho e Pinto, Jiří Maštálka, Evelyn Regner, Pavel Svoboda, József Szájer, Axel Voss, Tadeusz Zwiefka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Durand, Heidi Hautala, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Victor Negrescu, Viktor Uspaskich
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Krisztina Morvai